

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1196/2013****tat-22 ta' Novembru 2013****li jirreġistra denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Stakliškės (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a), tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni Litwana għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Stakliškės" ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.

(2) Il-Kummissjoni ma ġiet notifikata bl-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni "Stakliškės" għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni li tidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament hija b'dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*  
*F'isem il-President,*  
Dacian CIOLOȘ  
*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.<sup>(2)</sup> ĠU L 166, 12.6.2013, p. 8.

## ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum uman elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

**Klassi 1.8. Prodotti oħrajn tal-Anness I għat-Trattat (ħwawar, eċċ.)**

IL-LITWANJA

Stakliškės (IĠP)

---